MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-25 ta' April, 2014

Talba Numru. 798/2013

**Strand Palace Agencies Limited**

**C 3838**

**Vs**

**Azzopardi (Butchers) Limited**

**C 33291**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-12 ta' Dicembru, 2013 illi l-ammont bilancjali ta' sitt mija, tmienja u erbghin ewro u hamsin centezmu (€648.50) dovut mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici ghal merkanzija mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra interpellatorja tat-28 ta' Marzu, 2013, u bl-imghax legali mit-8 t'Ottubru, 2012, data ta' l-ahhar konsenja sal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta bl-ingunzjoni tas-socjeta' konvenuta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tal-4 ta' April, 2014 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tal-4 ta' April, 2014 u filfatt is-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' sitt mija, tmienja u erbghin ewro u hamsin centezmu (€648.50) bl-imghax legali mit-8 ta' Ottubru, 2012, datat tal-ahhar konsenja, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez inkluz dawk tal-ittra interpellatorja tat-28 ta' Novembru, 2012, ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------